5.6 Hemm żewġ modi kif il-ħsara tista' tissewwa. Jew l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa ta' restorazzjoni, li jkunu ffinanzjat direttament mill-opeatur, jew l-awtorità kompetenti jista' jieħu l-miżuri implimentati minn parti terza u tirkupra l-ispejjeż minn dak li għamel il-ħsara. Kombinazzjoni taż-żewġ approċċi hija possibbli wkoll fl-interess ta' effettività akbar.

5.7 Meta hemm iktar minn parti waħda responsabbli għall-ħsara, id-Direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri jiddeċiedu kif jaqsmu l-ispejjeż. Iż-żewġ għażliet ewlenin huma responsabbiltà konġunta jew responsabbiltà apporzjonata. Waqt li din is-sistema doppja għandha l-għan li tiffaċilita l-adattament għas-sistemi legali ta' l-Istati Membri, minkejja dan għandu jiġi rimarkat li l-istabbiliment tal-proporzjon ta' ħsara ambjentali huwa diffiċli ħafna, li jfisser li l-implimentazzjoni ta' din is-sistema fil-prattika hija diffiċli ħafna.

5.8 Fl-aħħar nett, għandu jkun enfasizzat li r-rekwiżit ta' sigurtà finanzjarja għall-operaturi suġġett għal leġislazzjoni dwar l-ilma, il-ħamrija u l-bijodiversità jgħin sabiex it-tiswija tkun iktar effettiva, waqt li jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi ta' falliment.

Brussell, it-13 ta' Marzu 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2008/C 204/16)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew idddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni proprja dwar

Il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi sanzzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Roksandić, il-ko-rapporteur kien is-Sur Almeida Freire.

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'118-il vot favur, 56 vot kontra u 7 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-fatt li ma ntalabx jagħti opinjoni dwar id-direttiva proposta li tipprovdi "sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali", għalkemm fl-introduzzjoni tad-direttiva hemm imniżżel li dan sar. Bħala regola ġenerali, id-direttiva proposta m'hiex parti mill-oqsma ta' konsultazzjoni obbligatorja tal-Kumitat, madankollu dan jemmen li huwa neċessarju li r-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu kkonsultati f'kwistjonijiet bħal dawn u f'każijiet relatati minħabba li dawn jirrigwardaw ir-regolamentazzjoni ta' oqsma prinċipali li mhux biss huma parti mill-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, iżda wkoll għandhom impatt fuq l-impjieg u l-politika soċjali.

1.2 Il-KESE għalhekk iddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar din il-proposta għal direttiva. Huwa jemmen li s-soċjetà ċivili organizzata, u speċjalment l-imsieħba soċjali, għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tad-direttiva tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.

1.3 Fl-opinjonijiet adotatti s'issa [1], il-Kumitat enfasizza l-bżonn li tittieħed azzjoni simultanja sabiex jinħolqu opportunitajiet għal immigrazzjoni legali u jiġu ffaċċjati l-kawżi ta' l-immigrazzjoni "irregolari".

---

[1] Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE tal-15.12.2004 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Studju dwar ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni legali u illegali, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 157, 28.6.2005) (mhux disponibbli bil-Malti).
Ara l-opinjoni tal-KESE tad-9.6.2005 dwar Il-Green paper dwar approċċ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ekonomika, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 286, 17.11.2005).
Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE tal-15.12.2005 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew: Il-Programm ta' l-Aja: Għaxar prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin — L-isfida għal tiġdid Ewropew fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 65, 17.3.2006) (mhux disponibbli bil-Malti).

1.4 Il-Kumitat japprova l-proposta, peress li fil-prattika tippromovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, il-Kumitat għandu dubji dwar il-kontenut tad-direttiva proposta, dwar jekk il-proposta ġietx imnedija f'mument propizju u dwar l-ordni li bih ġew adottati l-proposti leġislattivi. L-impjegar ta' immigranti illegali huwa marbut mill-qrib mat-tħaddim tas-suq tax-xogħol u ma' l-impjegar illegali in ġenerali u għalhekk mhux lakemm jiġi evitat bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq min iħaddem.

1.5 Fir-rigward tar-rabta bejn iż-żewġ oqsma ta' azzjoni differenti tal-Kummissjoni Ewropea rilevanti għall-immigrazzjoni fil-livell Komunitarju, jiġifieri ż-żona tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fuq naħa, u l-politika soċjali u ta' l-impjieg fuq in-naħa l-oħra, il-Kumitat jenfasizza l-importanza li l-leġislazzjoni eżistenti ta' l-Unjoni Ewropea tiġi armonizzata mal-leġislazzjoni dwar l-immigrazzjoni legali u illegali li qed titħejja attwalment. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-problema ta' l-immigrazzjoni illegali ma tistax tiġi solvuta billi sempliċiment jingħalqu l-fruntieri u jiġu implimentati miżuri ta' impożizzjoni.

1.6 Il-migrazzjoni u l-immigrazzjoni legali fi ħdan l-UE u lejn l-UE għandhom bżonn jiġu rregolati kemm jista' jkun malajr. Għalhekk, il-Kumitat jirrakkomanda lill-Kummissjoni sabiex tevalwa attentament il-possibbiltà li tintensifika l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat.

1.7 L-esperjenzi internazzjonali juru li l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat hija effettiva l-iktar meta titwettaq fuq il-bażi ta' diversi direzzjonijiet ta' azzjoni li jimxu b'mod parallel ma' xulxin. Għalhekk, f'limkien mal-possibbiltajiet għall-immigrazzjoni legali tal-persuni li jixtiequ jaħdmu f'dawk is-setturi ta' l-ekonomija bl-ikbar numru ta' xogħol imwettaq minn immigranti illegali, huwa neċessarju wkoll li jitfasslu kampanji ta' informazzjoni u edukattivi li juru l-effetti tax-xogħol mhux iddikjarat. Barra minn hekk, il-politika ta' sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu għandha tkun uniformi — irrispettivament min-nazzjonalità tal-ħaddiem mhux iddikjarat. Għalhekk, id-direttiva proposta għandha tagħmel parti minn pakkett usa' ta' azzjonijiet immirati lejn il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, inkluż fost l-immigranti illegali, u mhux l-istrument fundamentali propost mill-Kummissjoni.

1.8 Il-Kumitat jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tad-direttiva fl-Istati Membri li l-kompitu tagħhom m'hux wieħed faċli minħabba li i) il-korpi ta' sorveljanza m'għandhomx biżżejjed persunal ikkwalifikat, ii) hemm diffikultajiet fil-qsim tar-responsabbiltajiet bejn il-korpi kkonċernati u iii) hemm numru kbir ta' kumpaniji li għandhom jiġu ssorveljati.

1.9 Il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu kkonsolidati dawk il-proposti fid-direttiva li jwasslu għall-benefiċċji fir-realtà. Il-bidliet u ż-żjidiet proposti mill-Kumitat huma elenkati taħt it-titolu "Kummenti speċifiċi", u għandhom l-għan li jassiguraw diviżjoni aktar xierqa tar-responsabbiltà, kif ukoll titjib fis-sitwazzjoni tal-ħaddiema mingħajr dokumenti. Jekk dawn il-proposti jiġu injorati, dawn it-tip ta' ħaddiema jistgħu jiġu sfruttati aktar.

2. **Daħla**

2.1 Il-proposta għal direttiva hija waħda minn numru kbir ta' proposti leġislattivi mressqa mill-Kummissjoni Ewropea b'konformità mal-komunikazzjonijiet tagħha dwar il-pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali ta' l-2005 ([2]), u l-prijoritajiet ta' politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini minn pajjiżi terzi (Lulju 2006) ([3]). F'dawn il-komunikazzjonijiet, il-Kummissjoni pproponiet li tnaqqas il-fatturi li jinkoraġġixxu l-immigrazzjoni illegali lejn l-UE, l-aktar wieħed importanti jkun il-possibbiltà li jinstab ix-xogħol. L-Istati Membri għandhom jintroduċu penali simili, u jimplimentawhom b'mod effettiv, kontra dawk li jħaddmu ċittadini minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill Ewropew approva l-proposta ([4]) tal-Kummissjoni f'Diċembru 2006.

2.2 Fl-2007, il-proposta għal direttiva kienet segwita minn:

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar migrazzjoni ċirkolari u sħubiji ta' mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi ([5]);

— Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin ([6]);

— Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru ([7]);

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat ([8]).

3. **Sommarju tad-direttiva proposta**

3.1 L-għan tad-direttiva huwa li x-xogħol offrut minn dawk li jħaddmu jkun inqas attraenti għall-migranti li m'għandhomx il-permessi neċessarji (jitnaqqas il-"fattur li jattira"). Fuq il-bażi ta' miżuri eżistenti fl-Istati Membri, id-direttiva għandha tiżgura li i) l-Istati Membri kollha jintroduċu penali simili għal min iħaddem lil dawn iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li m'għandhomx il-permessi ta' residenza meħtieġa u ii) jinfurzawhom b'mod effettiv.

3.2 Id-direttiva tikkonċerna l-politika dwar l-immigrazzjoni, mhux il-politika dwar l-impjieg jew il-politika soċjali. Il-bażi legali tagħha hija l-Artikolu 63(3)(b) tat-Trattat tal-KE, u dan huwa maħluq sabiex titnaqqas l-immigrazzjoni illegali fl-UE.

3.3 Il-proposta ma tikkonċernax l-immigrazzjoni legali u l-impjieg taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jiksru l-istatut tagħhom ta' residenza (bħal fil-każ ta' studenti jew turisti) jew xogħol mhux iddikjarat minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.

([2]) COM(2005) 669 finali (mhux disponibbli bil-Malti).
([3]) COM(2006) 402 finali (mhux disponibbli bil-Malti).
([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar prijoritajiet ta' politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi — COM(2006) 402 finali (mhux disponibbli bil-Malti).
([5]) COM(2007) 248 finali.
([6]) COM(2007) 637 finali.
([7]) COM(2007) 638 finali.
([8]) COM(2007) 628 finali.

4. **Kontenut tal-proposta**

4.1 Id-direttiva tipprojbixxi l-impjegar ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jgħixu fl-UE illegalment. L-infrazzjonijiet għandhom jiġu sanzjonati b'penali (li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva) li jikkonsistu f'multi u, fil-każ ta' negozji, il-possibbiltà ta' miżuri oħra, inkluż l-esklużjoni mis-sussidji pubbliċi u mill-irkupru tagħhom, kif ukoll l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-kuntratti bl-appalt. Il-penali kriminali jistgħu jiġu imposti f'każijiet serji.

4.2 L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-definizzjoni ta' impjieg għall-iskopijiet tad-direttiva. Id-definizzjoni ta' "min iħaddem" tkopri lill-persuni fiżiċi u legali, li jimpjegaw ċittadin ta' pajjiż terz sabiex jagħmel xogħol imħallas.

4.3 Min iħaddem huwa obbligat i) li jivverifika, qabel ma jimpjega lil ċittadini minn pajjiżi terzi, li dawn għandhom permess legali ta' residenza li huwa validu mill-inqas għall-perijodu ta' impjieg u ii) li jżomm kopja ta' dak id-dokument għal skop ta' spezzjoni. Min iħaddem imbagħad jitqies li wettaq l-obbligu tiegħu, sakemm id-dokument ippreżentat ikun jidher biċ-ċar li huwa falz. Huma biss in-negozji u l-persuni legali li huma obbligati li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti kemm il-bidu kif ukoll it-tmiem ta' l-impjieg ta' ċittadini minn pajjiżi terz l-iktar tard fi żmien ġimgħa.

4.4 Dawk li jħaddmu li ma jirrispettawx il-projbizzjoni fuq l-impjegar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment ser jiġu puniti b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disważivi. Għal kull infrazzjoni, dawk li jħaddmu jiġu ppenalizzati b'multi u b'obbligu li jkopru l-ispejjeż tar-ripatrijazzjoni (għandhom iħallsu liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi kull remunerazzjoni pendenti għax-xogħol li jkunu għamlu u kwalunkwe taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pendenti). B'konformità ma' l-Artikolu 10, f'ċerti ċirkustanzi infrazzjoni tista' tikkostitwixxi reat kriminali meta din titwettaq intenzjonalment.

4.5 L-Istati Membri għandhom jintroduċu wkoll penali finanzjarji (multi u l-ispejjeż ta' ripatrijazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi) kif ukoll sanzjonijiet oħrajn (esklużjonijiet temporanji mill-benefiċċju ta' fondi pubbliċi u mill-proċeduri tal-parteċipazzjoni fil-kuntratti bl-appalt, irkupru tal-fondi ta' l-UE li diġà ngħataw, għeluq temporanju jew għal perijodu twil ta' l-istabbilimenti). Huma stipulati wkoll ir-responsabbiltà tal-persuni legali u sanzjonijiet possibbli kontrihom. Jistgħu jinżammu d-dispożizzjonijiet eżistenti fl-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tal-persuni legali.

4.6 Meta min iħaddem ikun subkuntrattur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kemm il-kuntrattur prinċipali kif ukoll is-subkuntrattur jinżammu responsabbli t-tnejn li huma għall-ħlas tas-sanzjonijiet finanzarji kollha u ta' kwalunkwe ħlas pendenti dovut.

4.7 Min iħaddem għandu jirrimborża l-kontributi u t-taxxi pendenti kollha liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jadottaw mekkaniżmi sabiex jiżguraw li l-proċeduri ta' rkupru jinbdew awtomatikament, mingħajr ma jkun hemm bżonn li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi jintroduċu talba. Hemm suppożizzjoni li relazzjoni tax-xogħol iddum mill-inqas 6 xhur, ħlief jekk min iħaddem ikun jista' jipprovdi xiehda mod ieħor. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi mħaddma illegalment jirċievu lura kwalunkwe ħlas pendenti dovuta lilhom, anke f'każijiet ta' ritorn volontarju lejn pajjiżhom jew jekk jiġu ripartrijati. Fejn hemm involut reat kriminali, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz m'għandhomx jintbagħtu lura f'pajjiżhom qabel ma jirċievu kull ħlas pendenti dovut lilhom.

4.8 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull sena għall-inqas 10 % tal-kumpaniji stabbiliti fuq it-territorju tagħhom jkunu suġġetti għal spezzjonijiet sabiex jiġi ssorveljat l-impjieg taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment. L-għażla tal-kumpaniji li għandhom jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju li tikkunsidra fatturi bħas-settur li fih topera kumpanija u kwalunkwe rekord ta' infrazzjoni tal-liġi fil-passat.

4.9 L-Istati Membri jridu jittrasponu d-direttiva fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

5. **Kummenti ġenerali**

5.1 Il-proposta għal direttiva tolqot żewġ oqsma differenti tal-ħidma tal-Kummissjoni, li huma marbutin mill-qrib fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-immigrazzjoni: iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizza fuq naħa, u l-impjieg u l-politika soċjali fuq naħa oħra. Il-Kumitat m'hux kontra l-idea żviluppata fil-proposta li ssir pressjoni kemm fuq dawk li jħaddmu li huma diżonesti kif ukoll fuq l-organizzazzjonijiet illegali li jittraffikaw lill-persuni li m'għandhomx dokumenti. Il-Kumitat japprova l-proposta għal direttiva, peress li tippromovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

5.2 Il-Kumitat iħoss li huwa neċessarju li l-istituzzjonijiet Ewropej jikkunsidraw id-deċiżjonijiet li diġà ttieħdu u:

— jassiguraw li l-leġislazzjoni dwar l-immigrazzjoni legali u illegali li tinsab fil-fażi ta' tħejjija tkun koerenti mal-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti;

— jiċċaraw l-implikazzjoni u r-riperkussjonijiet, kemm għall-migranti fi ħdan l-UE kif ukoll għal dawk li qegħdin jimmigraw lejn l-UE minn pajjiżi terzi.

Hemm bżonn ta' ċarezza dwar dawn il-kwistjonijiet delikati, għax jirrigwardjaw mhux biss is-sigurtà, il-ġustizzja, u l-politika tal-kompetizzjoni, iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem, u dawn jolqtu lis-suq, lill-erba' libertajiet u lill-forza tax-xogħol, kemm minn punt kollettiv kif ukoll individwali, u wkoll għaliex l-immigrazzjoni hija neċessarja għall-UE. Fl-opinjonijiet adottati s'issa, il-Kumitat enfasizza l-bżonn li tittieħed azzjoni simultanja sabiex jinħolqu opportunitajiet għal immigrazzjoni legali u jiġu ffaċċjati l-kawżi ta' l-immigrazzjoni "irregolari".

5.3 Il-migrazzjoni u l-immigrazzjoni legali fi ħdan l-UE u lejn l-UE għandhom bżonn jiġu rregolati kemm jista' jkun malajr. Ir-restrizzjonijiet fuq il-migrazzjoni fl-Istati Membri ħolqu numru ta' problemi, fixklu ċ-ċaqliq liberu tal-ħaddiema bejn ċerti Stati Membru u wasslu sabiex ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll dawk ta' l-UE, jiġu impjegati taħt ksur tar-regolamenti u sfruttati minn dawk li jħaddmuhom. Il-passi sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat fl-UE u fl-Istati Membri individwali għandhom jittrattaw lill-ħaddiema impjegati b'dan il-mod fuq l-istess bażi, irrispettivament jekk humiex ċittadini ta' l-UE jew ta' pajjiż terz.

Għalhekk, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa mill-qrib il-possibbiltà li tiġi estiża l-bażi legali tal-proposta għal direttiva sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri kontra x-xogħol illiegali li jsir minn kwalunkwe persuna li m'għandhiex il-permessi jew id-dokumenti neċessarji.

5.4 Il-Kumitat jemmen li l-"fattur li jattira" għall-migranti msemmija fid-direttiva, li l-għan tagħha huwa li tnaqqas dan il-fattur, m'hux il-possibbiltà tax-xogħol illegali minnu nnifsu, iżda il-possibbiltà li jinstab impjieg f'pajjiż ieħor. Huwa għalhekk li l-passi li jissemplifikaw il-proċeduri għall-ksib ta' permess wieħed tar-residenza u tax-xogħol bla dubju ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-fattur li jattira. Madankollu, l-Istati Membri nfushom għandhom jikkontribwixxu wkoll sabiex jissemplifikaw il-proċeduri.

5.5 Dawk li jħaddmu jenfasizzaw il-bżonn li jiġu miġġielda x-xogħol illegali u l-kompetizzjoni inġusta, billi xi whud minnhom li jimpjegaw ħaddiema illegali joħolqu kompetizzjoni illegali u inġusta għal min iħaddem b'mod onest.

5.6 Għalkemm l-implimentazzjoni tad-direttiva hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tkun konxja tal-fatt li din m'hiex kompitu faċli, minħabba i) li m'hemmx biżżejjed korpi ta' sorveljanza amministrattiva, ii) hemm diffikultajiet fil-qsim tar-responsabbiltajiet bejn il-korpi kkonċernati individwali u iii) hemm numru kbir ta' kumpaniji li għandhom jiġu ssorveljati. Is-saħħa tad-direttiva għandha tkun fl-implimentazzjoni attwali tagħha.

5.7 L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istess termini bħal dawk użati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u fil-liġi internazzjonali, li b'konsegwenza huma rikonoxxuti internazzjonalment, bħal "ħaddiem irregolari" jew "ħaddiem migrant mingħajr dokumenti" minflok "ħaddiema illegali" u "immigrazzjoni illegali". It-terminu "immigrant illegali" għandu konnotazzjoni negattivi ħafna. Il-proposta għal direttiva tista' tipprovoka kunċetti bħal dawn u tista' tagħti lok għal żjieda fid-diskriminazzjoni u l-ksenofobija lejn il-ħaddiema migranti kollha, li jistgħu jkunu suġġetti għal spezzjonijiet minħabba l-apparenza tagħhom biss.

5.8 Minkejja d-dubji dwar il-proposta għal direttiva, il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu kkonsolidati dawk il-proposti fid-direttiva li jwasslu fir-realtà għall-benefiċċji. Dawn ġew elenkati taħt it-titolu "kummenti speċifiċi".

6. **Kummenti speċifiċi**

6.1 **Artikolu 1** — Dan l-artikolu għandu joffri lill-Istati Membri li diġà ħadu l-passi sabiex jirregolaw l-immigrazzjoni irregolari l-possibbiltà li jżommu l-miżuri nazzjonali li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

6.2 **Artikolu 2** — id-definizzjonijiet għandhom jiġu mmodifikati kif ġej:

— 2(b) "impjieg" tfisser l-eżerċizzju ta' attivitajiet **remunerati jew li jitwettqu f'ċirkustanzi ta' dipendenza ekonomika** għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra;

— mad-definizzjoni ta' "min iħaddem" 2(e) u "subkuntrattur" 2 (f) għandha tiżdied **aġenziji għall-impjieg temporanju,** peress li d-definizzjoni attwali m'hix ċara. Ħafna ħaddiema mill-pajjiżi terzi jiġu impjegati minn intermedjarji, li jinkludu dawn l-aġenziji.

6.3 **Artikolu 4(1)(c)** — min iħaddem għandu jżomm kopja tal-permessi ta' residenza għal aktar mill-perijodu nnifsu ta' l-impjieg, peress li f'ċerti setturi l-impjieg ġeneralment ikun fuq perijodu qasir u ta' sikwit ikun hemm bidla f'min iħaddem.

6.4 Artikolu 5

— F'każijiet fejn min iħaddem ikun i) issodisfa l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' l-impjieg illegali u ii) iċċekkja l-permessi ta' residenza u żamm kopja kif meħtieġ, u wara jirriżulta li ċittadin minn pajjiż terz filfatt m'għandux permess ta' residenza, min iħaddem xorta għandu d-dmir li jħallas kwalunkwe remunerazzjoni pendenti u l-obbligi l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 7 tad-direttiva. Għal din ir-raġuni, is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fl-aħħar ta' l-Artikolu: "Dan ma jolqotx id-dmir tiegħu li jħassal ir-remunerazzjonijiet kollha pendenti u jwettaq l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7".

— Għandha tiżdied dispożizzjoni li tistipula li min iħaddem għandu jirrispetta l-proċeduri ta' l-impjieg stabbiliti mill-Istati Membri. Jista' jiġri l-każ li min iħaddem jiċċekkja biss il-permessi ta' residenza u jinjora l-permessi ta' xogħol li huma obbligatorji f'ħafna Stati Membri. Għalhekk l-impjieg mhux iddikjarat ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jinsab f'riskju li jiżdied xorta waħda minkejja li min iħaddem ikun ikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

6.5 Artikolu 6

— Fis-sanzjonijiet elenkati fil-punt 2(a), għandu jkun stipulat li l-penali finanzjarji għandhom ikunu għolja biżżejjed li jkopru kwalunkwe gwadann li jsir minn min iħaddem fir-rigward ta' kull ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie impjegat illegalment. Għalhekk, il-penali finanzjarji għandhom jammontaw għaċ-ċifra stabbilita għal ċittadin wieħed minn pajjiż terz impjegat illegalment, u jiżdiedu skond in-numru ta' dawn it-tip ta' ċittadini impjegati illegalment. Hemm differenza ċara bejn il-gwadanji ta' individwi privati li jħaddmu persuni illegalment bħala sefturi jew fl-għelieqi, u ta' dawk li illegalment iħaddmu tlett, erba' ħaddiema jew aktar f'attivitajiet li l-għan speċifiku tagħhom huwa l-profitt.

— Għandu jkun hemm provvediment sabiex tiżdied il-penali finanzjarja għal min ikompli jħaddem illegalment ċittadini minn pajjiżi jew dawk li jkunu reċidivi. Din il-penali għandha tiżdied sostanzjalment kull darba li dan l-impjieg illegali jiġi repetut jew jitkompla, sabiex jaġixxi ta' deterrent.

— Ma jkunx raġonevoli li apparti l-penali finanzjarji, min iħaddem ikollu jkopri l-ispejjeż tar-ritorn ta' kull ċittadin minn pajjiż terz li jitħaddem illegalment. Dan filfatt ikun ifisser li r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet responsabbli mill-immigrazzjoni tal-pajjiżi individwali taqa' f'idejn min iħaddem. Min iħaddem għandu jħallas dawn l-ispejjeż biss meta jkun sar reat kriminali, b'konformità ma' l-Artikolu 10.

6.6 Artikolu 7

— Għandu jiġi stipulat ukoll li l-obbligu għall-ħlas japplika mill-ġurnata li fiha titressaq it-talba għal ħlas, u mhux middata li t-talba jkollha effett legali.

— Id-drittijiet tal-ħaddiema koperti mill-kuntratt ta' impjieg għandhom jibqgħu japplikaw, irrispettivament jekk il-ħaddiema għandhomx jew le permess ta' residenza jew ta' xogħol.

— Fil-prattika jista' jkun hemm diffikultajiet fil-ħlas ta' pagi dovuti lil ħaddiem li jkun diġà rritorna lura pajjiżu; u dan għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi assigurat li l-pagi jitħallsu lill-persuna t-tajba.

— Barra minn hekk, għandha tkun ċara li min iħaddem għandu jikkalkula kwalunkwe renumerazzjoni pendenti skond il-liġijiet, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet amministrattivi jew il-ftehimiet kollettivi li normalment japplikaw għal impjieg bħal dan.

6.7 **Artikolu 8** jirreferi għall-miżuri l-oħra li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri.

— Ikun utli li tiġi inkluża lista obbligatorja ta' dawn it-tip ta' miżuri.

— Il-miżura elenkata fil-punt d), dwar l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw sabiex tkun kommessa l-infrazzjoni, ma tidhirx raġonevoli, speċjalment minħabba li tista' tolqot ukoll lill-ħaddiema impjegati legalment. Fl-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandhom jiġu kkonsultati l-ħaddiema impjegati fl-istabbiliment ikkonċernat u r-rappreżentanti tagħhom.

6.8 L-**Artikolu 9** jiddefinixxi r-responsabbiltà tal-kuntratturi prinċipali u ta' kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju għall-ħlas tas-sanzjonijiet u għall-ħlas li huwa dovut b'lura. Hawnhekk ikun utli li jiġi ċċarat taħt liema ċirkustanzi tista' tiġi applikata din id-dispożizzjoni. F'ċerti setturi karatterizzati minn katini twal ta' subkuntrattar, bħall-industrija tal-karozzi, huwa diffiċli li l-produtturi u s-subkuntratturi li jipproduċu diversi partijiet f'siti u pajjiżi differenti jinżammu responsabbli b'mod konġunt. Il-Kumitat jikkunsidra li kuntrattur prinċipali għandu jkun jista' jeżenta mir-responsabbiltà tiegħu billi jieħu miżuri raġonevoli ta' prekawzjoni.

6.9 Artikolu 10

— F'dan l-Artikolu, infrazzjoni tikkostitwixxi reat kriminali (b'konformità ma' l-Artikolu 3) meta dan jitwettaq intenzjonalment. Madankollu, peress li l-intenzjonalità hija diffiċli li tiġi ppruvata, definizzjoni aħjar ta' reat kriminali tkun dik li turi li min iħaddem "kien jaf" jew "seta' kien jaf" dwar ir-reat kriminali.

— Fir-rigward ta' l-infrazzjoni stabbilita fil-punt 1(a), kull infrazzjoni ripetuta ta' l-Artikolu 3 għandha titqies bħala reat kriminali.

— Fil-każ ta' infrazzjoni meqjusa bħala reat kriminali intenzjonat, kif deskritta fil-punt 1(a), huwa importanti li titqies il-possibbiltà li l-proċeduri ġudizzjarji jieħdu ħafna żmien. Hemm ir-riskju li d-dispożizzjoni ma tiġix applikata jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li sabiex jiddeterminaw jekk infrazzjoni seħħitx hemm bżonn li d-deċiżjoni minn qorti jew awtorità nazzjonali tingħata fi żmien sentejn. Minħabba li dawn il-proċeduri jistgħu jieħdu ħafna żmien, u minħabba li sabiex jiġi ppreżentat appel iridu jintużaw il-mezzi kollha għal rikors, id-dispożizzjoni tista' ma tiġi applikata qatt.

— Fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu fl-Istati Membri, trid tiġi stipulata diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-korpi amministrattivi li jimponu s-sanzjonijiet u l-qorti individwali kompetenti, sabiex jiġi evitat kunflitti potenzjali fuq il-kompetenzi.

6.10 Artikolu 14

— L-Istati Membri għandhom jipprovdu mekkaniżmi effettivi li jassiguraw li l-proċeduri jistgħu jitwettqu malajr u mingħajr spejjeż prinċipali.

— Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-korpi responsabbli mis-sanzjonijiet jinfurmaw immedjatament lir-rappreżentanti kkonċernati fir-rigward tat-tnedija tal-proċeduri.

— Fil-punt 3, ikun utli li jingħata statut speċjali mhux biss liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu ġew soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi u li jikkooperaw fil-proċedimenti kriminali kontra min iħaddem, iżda wkoll lix-xhieda.

6.11 Artikolu 15

Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli din id-dispożizzjoni, li tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas 10 % tal-kumpaniji jkunu soġġetti għal spezzjonijiet kull sena. Madankollu, l-effikaċja tal-proposta għal direttiva tiddependi mill-implimentazzjoni attwali ta' din id-dispożizzjoni. Fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri ikun hemm bżonn ta' persunal u riżorsi finanzjarji addizzjonali sabiex dan jitwettaq. Minġħar dan, l-obbligi addizzjonali bħal dawn bla dubju ser iwasslu għal trattament mhux ugwali ta' dawk ikkonċernati.

Brussell, it-13 ta' Marzu 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

APPENDIĊI

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li jidhru hawn taħt, għalkemm ġabu mill-inqas kwart tal-voti mixħuta, ġew irrifjutati matul id-diskussjonijiet (Artikolu 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura).

Punt 1.7

Emenda kif ġej:

"L-esperjenzi internazzjonali juru li l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat hija effettiva l-iktar meta titwettaq fuq il-bażi ta' diversi direzzjonijiet ta' azzjoni li jimxu b'mod parallel ma' xulxin. Għalhekk, flimkien mal-possibbiltajiet għall-immigrazzjoni legali tal-persuni li jixtiequ jaħdmu f'dawk is-setturi ta' l-ekonomija bl-ikbar numru ta' xogħol imwettaq minn immigranti illegali, huwa neċessarju wkoll li jitfasslu kampanji ta' informazzjoni u edukattivi li juru l-effetti tax-xogħol mhux iddikjarat. ~~Barra minn hekk, il-politika ta' sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu għandha tkun uniformi — irrispettivament min-nazzjonalità tal-ħaddiem mhux iddikjarat~~. Għalhekk, id-direttiva proposta għandha ~~tagħmel parti minn pakkett usa' ta'~~ tkun ikkoordinata b'azzjonijiet immirati lejn il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, inkluż fost l-immigranti illegali, ~~u mhux l-istrument fundamentali propost mill-Kummissjoni~~."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 64 Kontra: 101 Astensjonijiet: 9

Punt 5.3

Emenda kif ġej:

"Il-migrazzjoni u l-immigrazzjoni legali fi ħdan l-UE u lejn l-UE għandhom bżonn jiġu rregolati kemm jista' jkun malajr. Ir-restrizzjonijiet fuq il-migrazzjoni fl-Istati Membri ħolqu numru ta' problemi, fixklu ċ-ċaqliq liberu tal-ħaddiema bejn ċerti Stati Membru u wasslu sabiex ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll dawk ta' l-UE, jiġu impjegati taħt ksur tar-regolamenti u sfruttati minn dawk li jħaddmuhom. Il-passi sabiex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat fl-UE u fl-Istati Membri individwali ~~għandhom jittrattaw lill-ħaddiema impjegati b'dan il-mod fuq l-istess bażi, irrispettivament jekk humiex ċittadini ta' l-UE jew ta' pajjiż terz. Għalhekk, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa mill-qrib il-possibbiltà li tiġi estiża l-bażi legali tal-proposta għal direttiva sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri kontra x-xogħol illiegali li jsir minn kwalunkwe persuna li m'għandhiex il-permessi jew id-dokumenti neċessarji~~ bħalissa jinsabu fuq l-aġenda tal-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali u qegħdin jiġu diskussi miżuri dwar kif jista' jiġi miġġieled dan il-fenomenu negattiv. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-miżuri għat-tneħħija tal-migrazzjoni illegali u x-xogħol mhux iddikjarat ikunu koordinati strettament."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 56 Kontra: 102 Astensjonijiet: 10

Punt 6.6

Żid mal-punt kif ġej:

"**Artikolu 7**

— Għandu jiġi stipulat ukoll li l-obbligu għall-ħlas japplika mill-ġurnata li fiha titressaq it-talba għal ħlas, u mhux mid-data li t-talba jkollha effett legali.

— Id-drittijiet tal-ħaddiema koperti mill-kuntratt ta' impjieg għandhom jibqgħu japplikaw, irrispettivament jekk il-ħaddiema għandhomx jew le permess ta' residenza jew ta' xogħol.

— Fil-prattika jista' jkun hemm diffikultajiet fil-ħlas ta' pagi dovuti lil ħaddiem li jkun diġà rritorna lura pajjiżu; u dan għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi assigurat li l-pagi jitħallsu lill-persuna t-tajba.

— Barra minn hekk, għandha tkun ċara li min iħaddem għandu jikkalkula kwalunkwe remunerazzjoni pendenti skond il-liġijiet, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet amministrattivi u/jew il-ftehimiet kollettivi li normalment japplikaw għal impjieg bħal dan.

— Fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, il-ħaddiema jintalbu jressqu ilment mal-korp rilevanti sabiex ikun garantit il-ħlas dovut. L-istipulazzjoni fl-Artikolu 7(2)(a) li tgħid li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi mħaddma illegalment m'għandhomx bżonn iressqu ilment sabiex jibdew il-proċeduri meħtieġa ħalli l-ammonti dovuti jiġu mħallsa, tagħmel distinzjoni mhux ġustifikata bejn dawn iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi u ċ-ċittadini ta' l-UE jew ċittadini minn pajjiżi terzi mħaddma legalment.

— Madankollu, il-Kumitat jaċċetta li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kull assistenza li ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu fil-pajjiż b'mod illegali jista' jkollhom bżonn sabiex jitlobu l-ħlas dovut lilhom u li l-artikolu għandu jkollu garanzija dwar dan.

— Il-Kumitat jemmen li l-preżunzjoni li r-relazzjoni ta' ħidma b'tul ta' (f'dan il-każ) sitt xhur, kif inhu stipulat f'Artikolu 7(2)(b), tista' tinkoraġġixxi l-immigrazzjoni irregolari lejn l-UE u tintroduċi distinzjoni mhux ġustifikata, peress li tpoġġi lill-ħaddiema irregolari f'pożizzjoni vantaġġjuża ħafna meta mqabbla ma' ħaddiema oħra. Barra minn hekk, b'mod ċar din is-soluzzjoni mhix adattata għal rapporti ta' ħidma li huma qosra jew qosra ħafna (bħal per eżempju xogħol staġjonali fil-biedja)."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 59 Kontra: 111 Astensjonijiet: 11

Punt 6.8

Żid mal-punt kif ġej:

"**L-Artikolu 9** jiddefinixxi r-responsabbiltà tal-kuntratturi prinċipali u ta' kwalunkwe subkuntrattur intermedjarju għall-ħlas tas-sanzjonijiet u għall-ħlas li huwa dovut b'lura. Hawnhekk ikun utli li jiġi ċċarat taħt liema ċirkustanzi tista' tiġi applikata din id-dispożizzjoni. Il-kuntratturi kif ukoll is-subkuntratturi prinċipali li mhumiex qed iħaddmu liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali b'mod dirett għandhom ikunu soġġetti b'mod konġunt għas-sanzjonijiet imsemmija f'Artikolu 6 u Artikolu 7, dejjem jekk ikun jista' jiġi ppruvat li huma kienu jafu li s-subkuntrattur kien qiegħed jimpjega ċittadini minn pajjiżi terzi li għandhom residenza illegali. F'ċerti setturi karatterizzati minn katini twal ta' subkuntrattar., bħall-industrija tal-karozzi, huwa diffiċli li l-produtturi u s-subkuntratturi li jipproduċu diversi partijiet f'siti u pajjiżi differenti jinżammu responsabbli b'mod konġunt. Dan japplika wkoll għas-settur tal-bini. Il-Kumitat jikkunsidra li kuntrattur prinċipali għandu jkun jista' jeżenta mir-responsabbiltà tiegħu billi jieħu miżuri raġonevoli ta' prekawzjoni."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 57 Kontra: 106 Astensjonijiet: 8

Punt 6.9

Ħassar parti mill-punt kif ġej:

"**Artikolu 10**

— F'dan l-Artikolu, infrazzjoni tikkostitwixxi reat kriminali (b'konformità ma' l-Artikolu 3) meta dan jitwettaq intenzjonalment. ~~Madankollu, peress li l-intenzjonalità hija diffiċli li tiġi ppruvata, definizzjoni aħjar ta' reat kriminali tkun dik li turi li min iħaddem 'kien jaf' jew 'seta' kien jaf' dwar ir-reat kriminali.~~

— Fir-rigward ta' l-infrazzjoni stabbilita fil-punt 1(a), kull infrazzjoni ripetuta ta' l-Artikolu 3 għandha titqies bħala reat kriminali.

— Fil-każ ta' infrazzjoni meqjusa bħala reat kriminali intenzjonat, kif deskritta fil-punt 1(a), huwa importanti li titqies il-possibbiltà li l-proċeduri ġudizzjarji jieħdu ħafna żmien. Hemm ir-riskju li d-dispożizzjoni ma tiġix applikata jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li sabiex jiddeterminaw jekk infrazzjoni seħħitx hemm bżonn li d-deċiżjoni minn qorti jew awtorità nazzjonali tingħata fi żmien sentejn. Minħabba li dawn il-proċeduri jistgħu jieħdu ħafna żmien, u minħabba li sabiex jiġi ppreżentat appel iridu jintużaw il-mezzi kollha għal rikors, id-dispożizzjoni tista' ma tiġi applikata qatt.

— Fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu fl-Istati Membri, trid tiġi stipulata diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-korpi amministrattivi li jimponu s-sanzjonijiet u l-qorti individwali kompetenti, sabiex jiġi evitat kunflitti potenzjali fuq il-kompetenzi."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 66 Kontra: 100 Astensjonijiet: 10

Punt 6.11

Emenda kif ġej:

"**Artikolu 15**

~~Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli din id-dispożizzjoni,~~ L-effikaċja tad-dispożizzjoni proposta li tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-inqas 10 % tal-kumpaniji jkunu soġġetti għal spezzjonijiet kull sena. ~~Madankollu, l-effikaċja tal-proposta għal direttiva~~ tiddependi mill-implimentazzjoni attwali ta' din id-dispożizzjoni. L-Istati Membri jridu jagħżlu liema kumpaniji ser jispezzjonaw fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tqis, flimkien ma' kriterji xierqa oħra, fatturi bħalma huma l-grad tal-vulnerabbiltà tas-settur li jimpjega ċittadini minn pajjiżi terzi li qegħdin hemm b'mod illegali, jew jekk il-kumpaniji għandhomx każijiet preċedenti f'dan il-qasam. L-artikolu għandu jirrifletti dawn il-kriterji kwalitattivi u ddikjara li tkun ħaġa mixtieqa li l-Istati Membri jiżguraw li għall-inqas 3 % tal-kumpaniji magħżula b'dan il-mod ikunu soġġetti għal spezzjonijiet kull sena. Fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri jista' jkun hemm bżonn ta' persunal u riżorsi finanzjarji addizzjonali sabiex dan jitwettaq. Minghar dan, l-obbligi addizzjonali bħal dawn ~~bla dubju ser~~ jistgħu jiwasslu għal trattament mhux ugwali ta' dawk ikkonċernati."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 65 Kontra: 105 Astensjonijiet: 8